# 50 Sena mill-mewt ta' P. A. Cuschieri O.C. 1962 - 2012



*Artiklu maħrug mill-Provinċja Karmelitana*

Bejn l-1961 u l-1962, Malta bkiet it-telfa ta' tliet uliedha li ħabbewha u għamlulha ġieħ: il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila (13 ta' Ottubru 1961), il-qaddis Dun Ġorġ Preca fundatur tal-MUSEUM (26 ta' Lulju 1962) u l-Professur P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan, poeta, filosfu u senatur (25 ta' Lulju 1962). Dawn it-tliet persunaġġi huma figuri kbar, kull wieħed bil-mod tiegħu, fl-istorja letterarja, soċjali, politika u reliġjuża Maltija tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, seklu imqalleb fl-istorja ta' pajjiżna f'diversi aspetti, taqlib li mingħajru Malta ta' llum ma kenitx tkun dak li hi. Waqt li Dun Karm Psaila tfakkar matul is-sena li għaddiet, Dun ġorġ Preca u P. Anastasju Cuschieri, O.Carm. jitfakkru b'mod xieraq matul din is-sena. Hija ħaġa ta' min jinnutaha li dawn it-tliet figuri huma saċerdoti u fil-każ ta' Cuschieri, reliġjuż ukoll. Dan jurina kemm il-figura tal-qassis u l-patri huma marbutin mal-ġrajja ta' pajjiżna mhux biss fuq livell spiritwali u reliġjuż, imma wkoll fuq livell kulturali, letterarju u soċjali. Il-Prof. Cuschieri, li beda jikteb il-proża bil-Malti fl-1907 u l-poeżija bil-Malti fl-1909, Dun Karm li warajh beda jikteb bil-Malti fl-1912 u Dun ġorġ li qaleb il-lingwaġġ teoloġiku u spiritwali bl-ilsien Malti, ilkoll taw kontribut xieraq u fundamentali biex l-ilsien Malti jieħu l-post li jixraqlu waqt li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-identità nazzjonali.

F'din il-kitba se nfakkru lill-Professur P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan, li kif jinnota il-mibki, Joseph Mangion, studjuż ta' Cuschieri li miet b'diżgrazzja f'età żgħażugħa, "Kull tifkira ta' Cuschieri hi twettiq tal-kultura tagħna, hi parti ntegrali mill-istess identità li ssawwarna u li tidentifikana bħala nazzjon."[1] Dan huwa minnu għax Cuschieri fehem li l-identità nazzjonali u l-għaqda ta' poplu tissawwar u tiddependi mill-apprezzament tal-wirt kulturali speċjalment fejn jidħol l-Ilsien li jidentifika u jsawwar poplu. Għalhekk Cuschieri huwa magħruf bħala l-*Poeta tal-Kelma Maltija* u tal-*ġmiel tal-Ilsien Malti*. Skont Ninu Cremona, ħadd daqs Cuschieri ma għanna l-ħlewwa ta' lsienna daqsu[2], mhux biss fil-poeżiji li t-tema tagħhom hija l-Ilsien Malti, imma wkoll f'poeżiji oħra u innijiet reliġjużi popolari li jesprimu t-taħbit ta' qalbu u tal-qalb Maltija. żgur li l-qalb ta' Cuschieri kienet tħabbat għal Malta u għall-Madonna, tant li minħabba l-ħafna poeżiji marjani li kiteb, huwa baqa' magħruf bħala l-*Poeta tal-Madonna*. U hawnhekk niġu għat-tema tal-artiklu tagħna dwar il-Madonna fil-poeżija ta' P. Anastasju. Cuschieri fil-fatt mhux biss kompla jibni fuq tradizzjoni antika ta' letteratura u devozzjoni marjana, imma fittex li jagħti ħajja mill-ġdid lil din it-tema "li kienet waqgħet f'dekadenza".[3] P. Anastasju fil-fatt għandu madwar 39 poeżija marjana bil-Malti, 2 bil-Latin, u 8 bit-Taljan. Uħud minnhom instabu din is-sena waqt ir-riċerka biex jinġabru l-kitbiet ta' dan il-ħassieb. Għandu wkoll kitbiet oħra popolari fuq il-Madonna bit-Taljan u bil-Malti u kif jinnota tajjeb Joseph Mangion, il-Madonna għal Cuschieri kienet ħajja, preżenza "imlaħħma f'qalbu, l-inkarnazzjoni ta' ħsiebu".[4] U ma setax ikun mod ieħor għax dan il-poeta u filosfu kien imżejjen bis-sejħa Karmelitana u għaldaqstant qalbu, ħajtu u l-ispiritwalità tiegħu hija kollha kemm hi Marjana.

Dan l-ispirtu issaħħaħ iktar mill-kuntest li fih Cuschieri trabba u għex. Huwa trabba l-Belt biswit is-Santwarju tal-Karmnu, għex ħajtu fil-kunventi Karmelitani li huma meqjusa spiritwalment, *id-djar ta' Marija*, u fi żmienu l-iktar, il-ħajja tal-Ordni Karmelitan kienet iddur kollha kemm hi mal-ħajja marjana bħala l-element li l-iktar jiddistingwi l-Karmelu. Il-Kostituzzjonijiet ta' żmien Cuschieri kienu jordnaw li l-preżenza ħajja ta' Marija kellha tkun viżibbli fil-kunventi Karmelitani b'diversi modi, bħal perżempju bix-xbiha tagħha esposti f'imkejjen prominenti u biċ-ċelebrazzjoni ta' liturġija marjana. Nistgħu ngħidu li Cuschieri jidħol fil-kurrent mistiku marjan tal-Karmelu mibdi minn Arnoldo Bostio fil-bidu tal-Ordni fiż-żminijiet tan-Nofs u li wasal għall-quċċata tiegħu l-aktar fil-persuna, l-esperjenza u t-tagħlim ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi (†1607), il-Ven. Mikiel ta' Santu Wistin (†1684)u l-Ven. Maria

<?> J. Mangion, *Il-Kitbiet ta' Joseph Mangion. Tifkira*, Malta: Penprint, 1984, 22.

2 A. Cremona, *Antolo©ija ta' ProΩa Maltija*, Malta: Malta University Press, 1970, 144.

3 Mangion, *Il-Kitbiet*, 27.

4 Mangion, *Il-Kitbiet*, 27.

Petyt ta' Santa Tereża (†1667). Tajjeb hawnhekk nistaqsu x'inhuma l-karatteristiċi ewlenin ta' din il-mistika Marjana? Il-Bostio fil-ktieb *Speculum Carmelitanum (Il-Mera tal-ħajja Karmelitana)* ifisser il-mistika marjana Karmelitana, 1) fl-imħabba lejn Marija, 2) fl-imitazzjoni ta' Marija, 3) fid-dipendenza minn Marija. Bla tlaqlieq ngħidu li dawn l-elementi kollha jinsabu f'Cuschieri u l-poeżija tiegħu. Għal Cuschieri fil-fatt il-Madonna hija l-Omm li tnissilna, twellidna u taħjina, il-Maħbuba li tħobbna u tgħaqqadna magħha, u s-Sidt li tħarisna u tmexxina lejn Binha Ġesù. Dawn l-elementi jidhru tista' tgħid b'aċċent differenti fil-poeżiji Marjani kollha ta' Cuschieri.

Għal Cuschieri il-Verġni Mbierka hija l-ewwel u qabel kollox dik li għas-sbuħija nterjuri tagħha Alla għażilha biex tkun Omm Ibnu Ġesù Sidna. Bħala filosfu li daħal fil-problema estetika huwa jara f'Marija dak il-ġmiel li ġej mis-Sewwa u mit-Tajjeb u għaldaqstant Marija hija triq żgura li twassalna għand Alla. Milqutin minn ġmielha, aħna nersqu lejha, nsiru bħala u magħha nitilgħu lejn l-Għolja Qaddisa li fiha jgħammar Alla. L-istudjużi ta' Cuschieri jaqblu li għal Cuschieri, Marija "hija dik li kienet Beatrice għal Dante, Laura għal Petrarca, Emily għal Shelley u Fiammetta għal Boccaccio".[5] Kif jinnutaw dawn l-istudjużi l-ideal femminili spiritwali mgħolli minn Guido Guinizelli, Guido Cavalcanti, Cino da Pistoia u oħrajn fl-Iskola tad-*Dolce stil nuovo*, Cuschieri jarah li jilħaq il-quċċata tiegħu f'Marija.[6] Għalih fil-fatt Marija hija dik li "rebħet il-qalb ta' Alla u l-qalb tal-bniedem" u li "qabel ma nħalqu s-smewwiet, qabel ma' x-xemx telgħet fuq ix-xefaq, Hi ġa kienet fil-ħsieb ta' Alla, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha".[7] Hawnhekk Cuschieri jidħol fit-tradizzjoni liturġika u mistika marjana li hija ħafna għal qalb il- Karmelitani huwa u japplika għal Marija l-allegorija femminili tal-*Ktieb tal-Proverbji* dwar l-Għerf ta' Alla (*Sophia*). Ma għandniex spazju hawnhekk biex nidħlu fid-dettal f'din it-tema żviluppata minn filosfi kbar bħol Solov'jov, iżda tajjeb ninnutaw li f'dan l-aspett mhuwiex preċiż li wieħed iżomm li fil-poeżija u l-aktar f'dik marjana Cuschieri ħanaq id-dilemmi filosofiċi, jew li huwa u jgħanni s-sbuħija ta' din il-mara waħdanija kien qed jaħrab mill-problemi u l-kriżijiet tal-ħajja u lanqas ma jiċħad il-qawwa erotika jew senswali li hemm fil-bniedem.[8] Anzi! Bħala filosfu jagħraf li l-għaref tassew huwa dak li jagħraf li f'dinja mhedda mill-qerda tal-gwerer fratriċidi, minn problemi soċjali ta' faqar, nuqqas ta' xogħol, kriżijiet politiċi u ekonomiċi, mill-kilba għall-poter u l-waqgħa fil-ġibdiet egoisti li jbaxxu l-bniedem u d-dinjità tiegħu, is-soluzzjoni ewlenija u waħdanija tinsab biss filli l-bniedem jikkonverti lejn il-valuri traxxendentali, li huma l-attributi divini, tal-ġmiel, tas-Sewwa u tat-Tjubija. Dawn it-tliet traxxendentali, dejjem marbutin flimkien, Cuschieri jarahom jiddu mhux biss f'Alla - għax huma karatteristiċi tiegħu - iżda wkollf'Marija li bħala bniedma bħalna waslet biex ikollha sehem minn din l-istess ħajja ta' Alla. Hawnhekk Cuschieri jingħaqad mal-ħsieb medjevali li ma jifridx l-*amor sacro* u l-*amor profano*, l-imħabba spiritwali u l-imħabba materjali għax l-istess dinamika taħdem fit-tnejn ġaladarba l-bniedem qalb waħda għandu! Għaldaqstant jekk il-bniedem irid iħobb fil-verità lil Alla u lill-bnedmin jeħtieġlu jidħol għal tisfija interjuri li tagħtih dik l-innoċenza tal-bidu li biha Alla ħalaqna. Ta' min hawnhekk jinnota l-għaxqa u l-għożża ta' Cuschieri għat tfulija. Quddiem Marija u quddiem it-tfulija huwa kien bħal donnu jidħol b'nostalġija f'dik ix-xewqa għall-ħajja ideali tal-Għeden li hija fuq kollox l-arketip tas-Saltna ta'Alla.

5 Alfred Degabriele, 'Il-Professur Cuschieri u l-PoeΩija Tieg'u', f' Serafin Abela, *Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, Lux Press, 1976, xviii. Ara wkoll Mangion, 9, 27.

6 Ibid.

7 Anastasju Cuschieri, 'Diskors: Fis-Solennità tal-Inkoronazzjoni ta' Marija Bambina, meqjuma fil-BaΩilika tal-Isla - 8 ta' Settembru, 1921', f'Mangion, *Il-Kitbiet*, 40.

Il-ħsieb u l-għana Marjan ta' Cuschieri, mhumiex frott biss tad-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna, imma huma aktarx frott ta' esperjenza mistika Marjana li tnisslet fih sa minn tfulitu u waslet fil-quċċata tagħha fil-Karmelu. Il-messaġġ ta' Cuschieri huwa wieħed: Aħna u nikkontemplaw il-ġmiel li hi Marija, ninġibdu lejn dak li hu Sewwa u Tajjeb u f'din il-ġibda sseħħ it-trasformazzjoni ta' qalbna u tal-ħajja u l-impenn soċjali tagħna fil-bini ta' dinja u soċjetà aħjar, fejn isaltnu l-valuri tas-Saltna ta' Alla. F'dan il-ħsieb u din il-viżjoni, il-poeta, il-filosfu u l-Karmelitan jingħaqdu ħaġa waħda fil-persuna ta' Cuschieri. Ma nkunu qed nеżaġeraw jekk ngħidu li l-messaġġ tiegħu huwa attwali għal żminijietna. Il-Papa Pawlu VI fid-diskors tiegħu għall-Kungress Marjoloġiku huwa u jirrifletti fuq il-ġmiel ta' Marija iqiegħed it-Triq tal-ġmiel bħala s-soluzzjoni għall-kriżijiet dinjija u soċjali huwa u jistqarr li "jeħtiġilna nħarsu lejn Marija, biex nikkontemplaw il-ġmiel bla mittiefes tagħha, u dan għaliex għajnejna ħafna drabi huma mtebbgħa, aktarx mogħmija mix-xbihat foloz tas-sbuħija f'din id-dinja. X'sentimenti nobbli, x'xewqa qawwija għas-safa, x'tiġdid fil-ħajja spiritwali jistgħu joħorġu minn din il-kontemplazzjoni ta' ġmiel hekk sublimi!"□

8 Mangion, 9.